MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 86/2005

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Victor Borg Bartolo (ID86232M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm259.12), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21442675 (AT1107/44 a/c10134477) u 21318581 (AT2014/58 a/c10112044) u ghat-telefon 21318581 li kien jappartjeni lil Lina Frendo li taghha huwa uniku eredi liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 3 Sqaq Nru.3, Triq il-Providenza, Balzan skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz markat Dok.A u kuntratt relattiv markat Dok.B;**

**Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm259.12) bl-imghax legali mil-25 ta' Jannar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------